MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 655/2009

**Merlin International Limited (C4432)**
**vs**
**Silvio Catania**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro u disa' u sittin ewro centezmu (€625.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lill-istess socjeta' attrici ghas-servizz ta' kiri ta' karozzi, liema ammont baqa' ma thallasx nonstante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes mid-data ta' l-avviz sad-datat tal-pagament effettiv, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat konteswalment ma dan l-att. Il-konvenut imsejjah in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa'  ma pprezentax  risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat James d'Agostino fit-2 ta' Novembru, 2009 u l-fatt  li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici  bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------